MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 159/2004/1

**Angela Ciappara f' isimha proprju u f' isem il-minuri Ramona u Deborah ahwa Ciappara**

**vs**

**Carmelo Ciappara**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Dicembru, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-25 ta' Marzu, 2004 fejn talbu lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u sitt mitt lira Maltin (Lm2,600) jew somma verjuri u dana bhala arretrati ta' manteniment ghall-attrici pro et noe ghax-xhur ta' bejn Marzu 2003 u

Marzu 2004 skond kuntratt tas-7 ta’ Jannar, 2003 fl-atti tan-Nutar Sandra Valentino.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-attrici bhala manteniment ma hux dovut lilha;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza bejn il-partijiet tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-klawzola tal-kuntratt tas-separazzjoni ta’ bejnithom li kien jistipula li fil-kaz li l-mara kienet tmur tahdem, allura l-manteniment dovut lilha ghandu jispicca immedjetament *ipso facto* minghajr ebda htiega jew intervent iehor il-Qorti.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li l-partijiet kienu mizzewgin u b’kuntratt in atti Nutar Dr Sandra Valentino tas-7 ta’ Jannar, 2003 irregolaw is-separazzjoni personali bejnithom. Fost il-kondizzjonijiet hemm dak li jistipula l-manteniment fi klawsola numru erbgha (4), liema manteniment kien dovut ghall-mara u ghal zewgt itfal tal-partijiet. Il-manteniment kellu jispicca “immedjatament *ipso facto* minghajr il-htiega ta’ ebda intervent jew procedura l-Qorti” fil-kaz li l-mara tohrog tahdem “anke *part-time*”.

Il-konvenut iddecieda li l-attrici ddekadiet mid-dritt ta’ manteniment peress illi dehrlu li hija kienet fl-impjieg redilizju.

L-attrici xehdet a fol. 17 li hija kienet tircievi l-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200) fix-xahar bhala manteniment minghand zewgha ghaliha u ghal uliedha. Il-Qorti tinnota li dahlet pika bejn il-partijiet, peress illi l-konvenut kien qieghed ikun morus fil-hlas ta' dan il-manteniment u kien biss b'intervent tal-Qorti illi hallas xi ammonti. Fil-mori ta' din il-kawza permezz ta' *bank draft* datat 8 ta' Ottubru, 2005, sena u seb' xhur wara l-prezentata ta' l-Avviz, il-konvenut hallas l-ammont ta' disa' mija u sittin lira Maltin (Lm960) li jirraprezenta l-arretrati ta' manteniment dovut ghal uliedu. Izda baqa' bilanc ta' elf, sitt mija u erbghin lira Maltin (Lm1640) illi kien dovut ghall-attrici li l-konvenut irrifjuta li jhallas, minhabba l-allegata dekadenza ta' l-istess attrici.

L-avukat Adrian Delia, in rapprezentanza ta' Vella Estates Limited (fol. 38) xehed li l-attrici kienet tahdem bhala *housemaid* bejn Gunju, 2001 u Settembru, 2005, fejn kienet tahdem darba fil-gimgha u kienet taqla ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-gimgha u aktar tard tnax-il lira u nofs (Lm12.50) fil-gimgha.

Meta d-direttur ta' Vella Estates ircieva t-tahrika sabiex jixhed fil-proceduri ta' bejn il-partijiet, iddecieda li jittermina l-impjieg ta' l-attrici.

Ikkunsidrat:

Il-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi li jirregola r-relazzjonijiet personali bejn il-partijiet, jinsab sancit b'digriet tas-Sekond'Awla moghti fl-istess gurnata li gie ppublikat il-kuntratt. Dan jaghti formalita' lill-att u salv l-effetti ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, l-ordni jibqa' validu sakemm ma jigix espressament revokat jew altrimenti mibdul jew mill-istess Sekond'Awla jew mill-Prim'Awla (Pulizija vs Lawrence Cilia Appell Kriminali deciz fl-10 ta' Marzu, 1995).

Minkejja dak illi hemm miktub fil-paragrafu erbgha (4) tal-kuntratt fuq imsemmi, agir unilaterali tal-partijiet li jaffettwaw it-termini tal-kuntratt ikunu qieghed ivarja d-digriet tas-Sekond'Awla minghajr awtorizazzjoni. Dan ma

jistax isir minghajr disturb fir-relazzjonijiet guridici bejn il-partijiet. Fin-nuqqas ta' kunsens jew f'kaz ta' kontroversja, l-partijiet ghandhom dejjem u fi kwalunkwe cirkostanzi jadixxu lill-Qorti sabiex jottjenu varjazzjoni tal-kondizzjonijiet tas-separazzjoni personali. Minghajr tali awtorizazzjoni, jghid x'jghid l-istess kuntratt, il-partijiet ma jistghux jidbeghdu mill-kondizzjonijiet imsemmija darba dawn ikunu sanciti minn digriet formali tas-Sekond'Awla.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha, illi l-attur wahdu ma jistax jiddeciedi min iddekada mill-manteniment jew le u kellu bilfors jirrekorri lill-Qorti kompetenti biex jottjeni varjazzjoni jekk jidhirlu li l-attrici ddekadiet minn xi beneficcji moghti lilha. L-agir tal-konvenut li jwaqqaf unilateralment il-manteniment hu wiehed illegali u ma jistax jigi sancit.

Il-Qorti hawhekk taghmel referenza ghat-taghlim fid-dritt Ruman illi, “nullus commodum capere potest de inguria sua propria”, hadd ma jista' jiehu beneficcju minn xi agir illegali tieghu. Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi ghandha ticcensura bil-kbir lill-konvenut talli waqqaf unilateralment il-manteniment dovut lill-attrici u jekk jidhirlu li din iddekadiet, allura kellu jadixxi lill-Qorti kompetenti sabiex jottjeni l-awtorizzazzjoni necessarja ghal varjazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni personali. La dan m'ghamlux ghandu joqghod ghall-kondizzjonijiet u jhallas lill-attrici l-arretrati tal-manteniment.

Peress illi rrizulta fil-mori tal-kawza illi hallas disa' mija u sittin lira Maltin (Lm960), fadallu bilanc ta' elf, sitt mija u erbghin lira Maltin (Lm1,640), liema bilanc il-konvenut irid ihallas lill-attrici.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallasha s-somma ta' elf, sitt mija u erbghin lira Maltin (Lm1,640), arretrati ta' manteniment dovut lill-attrici ghax-xhur ta' bejn Marzu 2003 u Marzu 2004 skond kuntratt tas-separazzjoni tas-7 ta' Jannar, 2003 fl-atti tan-Nutar Sandra Valentino.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenut."

Il-konvenut jimpunja s-sentenza hawn riprodotta fuq din il-bazi:-

(1) L-ewwel Qorti malament interpretat il-klawsola specifika tal-kuntratt ta' separazzjoni meta rriteniet li jghid x' ighid dan il-kuntratt hu kellu jirrikorri lis-Sekond' Awla ghall-varjazzjoni tieghu. Ghall-appellanti l-kwestjoni ma kienetx tinvolvi revizjoni tal-manteniment izda l-applikazzjoni tal-patt intervenut bejn il-partijiet;

(2) L-ewwel Qorti messha rrispettat il-volonta tal-partijiet u mhux hi stess tvarja l-patt kontenut fit-tieni parti tal-klawsola 4 tal-kuntratt;

(3) La bhala fatt irrizulta li l-attrici kienet qed tahdem regolarment hu kien in ottemperanza ma' dak pattwit meta waqqaf il-hlas ta' l-alimenti;

(4) F' kull kaz, l-ammont kanonizzat bhala manteniment hu zbaljat u ghandu jigi ridott. Skond l-appellanti kien baqa' biss il-hlas ta' mija u ghoxrin lira (Lm120) x' isir minnu;

Kif impustata mill-appellanti l-kwestjoni hi jekk l-ewwel Qorti ghamletx gudizzju sew tal-materja li tressqet ghall-attenzjoni taghha. B' mod partikulari, jekk l-interpretazzjoni li dik il-Qorti ghogobha takkorda lill-patt kuntrattwali tiddifettax minn vizzji logici-guridici, kif hekk qed jippretendi l-appellanti bl-aggravji tieghu fil-kontestazzjoni tas-sentenza moghtija. Qabel kull risposta ghal dawn il-kweziti hemm bzonn qabel xejn li jigu esposti l-fatti li taw lok ghall-kawza;

Permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 7 ta' Jannar 2003, atti Nutar Dottor Sandra Valentino (ara kopja a fol. 20), gie maqbul bejn il-kontendenti, ghal dak li

jiswa ghall-vertenza in ezami, illi l-konvenut ihallas f' manteniment mija u sittin lira Maltija (Lm160) fix-xahar ghaz-zewg ulied minuri komuni u erbghin lira Maltija (Lm40) fix-xahar lill-attrici. F' dan l-ahhar kaz gie appattwit illi dan il-manteniment ta' Lm40 jibqa' hekk jithallas "sakemm il-mara ma jkollhiex impjieg *part-time* jew ikollha relazzjoni anke temporanja ma' ragel iehor jew jekk ir-ragel jispicca dizokkupat jew ikun qed jirregistra" (klawsola 4 tal-kuntratt). Gie wkoll konvenut f' dan l-istess kuntest illi "f' kaz li tavvera ruhha xi wahda jew l-ohra mill-kundizzjoni hawn qabel imsemmija dan il-manteniment jispicca immedjatament *ipso facto* minghajr il-htiega ta' ebda intervent jew procedura fil-Qorti";

Irid jinghad illi t-termini kollha kif koncepiti mill-partijiet u redatti fil-kuntratti gew approvati b' digriet tas-Sekond' Awla moghti fl-istess jum tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt;

Mill-atti jirrizulta li t-talba ta' l-attrici appellata hi diretta ghall-hlas ta' arretrati ta' manteniment ghaliha u ghall-ulied riferibilment ghall-perijodu ta' sena bejn Marzu 2003 u Marzu 2004. Apparti kontestazzjoni tas-somma mitluba, il-konvenut appellant iddifenda ruhu, essenzjalment, bir-rikjam ghal dik il-parti tal-klawsola 4 fuq riportata li tahseb ghac-cessazzjoni tal-manteniment f' kaz li martu jkollha mpjieg anke *part time*. Sitwazzjoni din li giet ikkonfermata bix-xhieda ta' l-Avukat Adrian Delia ghall-Vella Estates Ltd ma' liema kumpanija l-attrici kienet tippresta servizz ta' *house keeping* ta' darba fil-gimgha b' effett minn Gunju 2001 sas-16 ta' Settembru 2005 (ara deposizzjoni ta' dan ix-xhud a fol. 38);

Dan premess, l-ewwel Qorti rragunat li s-soluzzjoni tal-kwestjoni fuq il-punt kontrovers kienet dik illi l-konvenut ma setax unilateralment, u minghajr il-konkors tal-Qorti kompetenti, jiddeciedi hu li martu ddekadiet mid-dritt tal-manteniment. Dan ir-ragonament tal-Qorti hu fondat fuq il-premessa illi, gjaladarba t-termini tas-separazzjoni kienu approvati mis-Sekond' Awla, u fl-assenza ta' kunsens

komuni, kien hemm il-htiega dejjem li l-partijiet jadixxu lill-Qorti ghall-varjazzjoni tal-kondizzjonijiet tal-kuntratt;

Jibda biex jigi osservat bhala punt ta' tluq illi hawn si tratta minn kuntratt, konsenswalment konvenut bejn il-kontendenti. F' kaz bhal dan, skond gurisprudenza pacifika, ghall-obbligu alimentarju li jkun gej minn kuntratt "*devono essere allo stesso applicate le regole ordinarie del contratto*" ("**Cesareo *utrinque***", Qorti Civili, Prim' Awla, 16 ta' Gunju 1880) u allura "*non sono soggetti a variazione in piu` o in meno*" ("**Mizzi *utrinque***", Qorti Civili, Prim' Awla, 24 ta' April 1882), b' mod li l-pattijiet li jsiru fil-kuntratt ghandhom jibqghu jsehhu u ma jistghux jigu mibdula minghajr il-kunsens komuni tal-partijiet (Ara "**Elisa Ellul -vs- Negte Antonio Ellul**", Appell Civili, 26 ta' Ottubru 1937. Issokta jigi precizat illi meta dwar l-alimenti jigi miftihem, li ghandhom jigu prestati "m' humiex izjed id-disposizzjonijiet tal-ligi dwar l-obbligu ta' l-alimenti bejn il-mizzewgin li jiggovernawhom izda huma l-pattijiet tal-kuntratt" (Vide "**A. B. -vs- Joseph Mifsud Bonnici bhala Kummissarju tat-Taxxi Interni**", Appell, 4 ta' Gunju 1964 rikonfermata fis-sentenza "**Bice Peralta -vs- Joseph Peralta**", Appell, 30 ta' Jannar 1976). Wiehed necessarjament jifhem minn dawn l-enuncjazzjonijiet illi dak li l-Qrati kellhom fil-*forma mentis* kien id-dispost ta' l-Artikolu 992 (1) tal-Kodici Civili li jghid li "l-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom";

Naturalment fil-kaz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali kien dejjem necessarju *ad validitatem* l-approvazzjoni tal-Qorti kompetenti. Bla dubju, il-kontroll mit-tribunal adit (is-Sekond' Awla f' dan il-kaz) hu mahsub biex tigi accertata l-ezistenza u l-liberta` tal-kunsens moghti, jigu verifikati li l-klawsoli negozjati ma humiex kuntrarji ghall-principju ta' ordni pubbliku u, fuq kollox, tigi valutata l-adegwatezza tal-ftehim, in partikulari ir-rispett tal-harsien ta' l-interessi supremi ta' l-ulied;

Affermat dan kollu, fil-kaz in ispecje jidher li bil-klawsola 4 appattwita bejn il-konjugi kontraenti huma pprospettaw sitwazzjoni fejn il-manteniment jiccessa jekk tavvera ruhha xi wiehed mill-eventi stipulati fl-istess klawsola ghal dan il-fini. F’ dan il-kaz, il-konsiderazzjoni tal-qaghda evolutiva intervenuta fil-kundizzjoni ekonomika tal-mara bil-fatt ta’ impjieg, anke *part time*;

Id-divarju sostanzjali bejn il-partijiet hu dak li mentri ghall-appellanti, f’ kaz tal-fatt sopravvenut ta’ l-impjieg, ic-cessazzjoni tal-manteniment kellu jiskatta awtomatikament bl-operat u s-sahha ta’ dak ikkonkordat; ghall-appellata, kif sostenuta mill-ewwel Qorti, kien mehtieg l-intervent tal-Qorti. Jidher li r-rizoluzzjoni tal-*vexata quaestio* tiddependi mit-twegiba li trid tinghata lill-mistoqsija: x’ jigri fil-kaz ta’ diskordanza bejn il-partijiet dwar jekk sehhitx is-sitwazzjoni reali successiva ghall-kuntratt u fih prospettata - l-impjieg *part time*, ir-relazzjoni ma’ ragel iehor, id-dizokkupazzjoni? Dan il-fatt minn ghandu jiddeterminah? Certament, ir-raguni tiddetta illi l-avveniment li jaghti lok ghac-cessazzjoni ta’ l-obbligu tal-versament ta’ l-alimenti ghandu jkun dimostrat u ma jistax jithalla fl-arbitriju tal-konvenut, *qua* obbligat ghall-hlas;

Minn dak ricerkat minn din il-Qorti rrizultalha li kaz li joffri xebh ma’ dak hawn konsiderat gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell kollegjali tas-7 ta’ Frar 1966 in re “**Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici *nomine* -vs- Dr. Hugh McKibbin**”. Il-fatti tal-kaz kienu wkoll jitrattaw minn kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali fejn fih kien stipulat illi “*the maintenance allowance mentioned under condition (4) shall cease on the death of anyone of the parties and shall also cease if the wife commits adultery*”;

Eskluz minn dik il-Qorti l-htiega li l-konvenut appellant kien kostrett li jagixxi b’ kawza ta’ separazzjoni gudizzjarja fuq il-motiv ta’ l-allegata adulterju ta’ martu, issokta jigi pprecizat dan li gej:-

"**Il-Qorti anqas tahseb illi l-appellant kien intitolat jissospendi l-hlas ta' l-alimenti u jeccepixxi d-dekadenza f' din il-kawza (wahda ghall-hlas ta' l-arretrati ta' l-alimenti), ghaliex talvolta jipretendi illi, bis-sahha ta' l-istipulazzjoni espressa fil-kuntratt, id-dekadenza operat ruhha *ipso jure* jew *ipso facto*. Kif irreteniet l-Qorti ta' l-Appell ta' Ruma "*il marito non è in facolta` di sospendere la somministrazione (degli alimenti in seguito a separazione consensuale) quand' anche sia stata subordinata a certe condizioni sul di cui avveramento il giudice solo è competente a pronunziare.***";

Dik l-istess Qorti, wara li rriflettiet fuq in-natura specjali ta' l-alimenti, kompliet tesprimi l-fehma taghha hekk: "**Il-kliem tal-kuntratt ma ghandux jitqies illi, skond l-intendiment ta' l-istess partijiet, kien jawtorizza lill-appellant li jissospendi s-somministrazzjoni u jichad il-hlas sempliciment fuq l-allegazzjoni tieghu illi martu kkommettiet adulterju u qabel ma l-fatt ikun gie, jekk kontestat, accertat mill-Qorti.**";

B' egwal forza dan jista' jigi applikat ukoll f' dan il-kaz. Bhall-ewwel Qorti, din il-Qorti hi wkoll ta' l-opinjoni illi jghid x' jghid il-kuntratt dwar ic-cessazzjoni *ipso facto* tal-hlas tal-manteniment, l-appellant ma setax legittimament u bil-volonta` tieghu biss jissosspendi l-pagament ta' l-alimenti. Apparti dak rilevat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza precitata, hu ferm dubitat jekk l-impjieg *part time* ta' l-appellata kienx fatt sopravvenut, incidenti fuq l-obbligu tieghu tal-manteniment. Dan qed jinghad in kwantu hu apparentement ferm ovvju mill-istess Affidavit ta' l-appellanti (fol. 41) illi l-appellata martu kienet gja qed tahdem minn zmien qabel is-separazzjoni u dan il-fatt kien a konoxxenza pjena tieghu. Hu di fatti jistqarr illi l-appellata kienet ghadha tahdem "fl-istess post tax-xoghol illi hija kienet tahdem meta konna mizzewgin". Minn dan huwa lecitu li jigi dezunt illi l-impjieg *part time* li kellha l-appellata ma kienx xi fatt gdid jew kondizzjoni gdida, fost dawk prefissi fi klawsola 4 tal-kuntratt, li avverat wara s-

separazzjoni. Wiehed allura presumibilment jifhem illi dak l-impjieg tal-mara kien ittiehed in konsiderazzjoni meta gie biex tigi maqbula r-rata mensili ta' l-alimenti ghaliha. Anke allura ghal din ir-raguni kien suggerit fic-cirkustanzi illi l-appellant kellu bzonn ta' dikjarazzjoni gudizzjali, anke jekk wahda *di mero accertamento*, fuq l-ezistenza tal-presuppost necessarju ghall-applikazzjoni tal-patt konvenut fi klawsola 4 tal-kuntratt. L-aggravji fil-meritu ma jistghux allura jircievu l-adezjoni aspettata minn din il-Qorti;

Kwantu ghal likwidazzjoni ta' l-ammont dovut f' arretrati ta' manteniment ghall-perijodu stabbilit fl-avviz, jirrizulta li, komplessivament, l-appellant kien obbligat jivversa lil martu s-somma ta' elfejn u erba' mitt lira (Lm2400) f' manteniment ghaliha u ghaz-zewg uliedu minuri. Fid-deposizzjoni taghha (fol. 17) l-attrici taccetta li ghall-perijodu in kwestjoni - Marzu 2003 sa Marzu 2004 - hi rceviet minghand zewgha fil-kors ta' proceduri penali, is-somma ta' sitt mitt lira (Lm600). Hu accettat ukoll illi fil-mori ta' l-istanza odjerna l-appellant hallas is-somma ta' disa' mija u sittin lira (Lm960). B' kollox, ghalhekk, elf hames mija u sittin lira (Lm1560). Dan igib li l-bilanc dovut hu dak ta' tmien mija u erbghin lira (Lm840) u mhux allura l-ammont ta' elf sitt mija u erbghin lira (Lm1640) kif mill-ewwel Qorti likwidat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell devolut lilha fl-ewwel tliet kapi tieghu. Tilqa' pero` r-raba' kap billi tirreduci l-ammont kif likwidat mill-ewwel Qorti ghas-somma bilancjali ta' tmien mija u erbghin lira Maltija (Lm840), bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ewwel sentenza. L-ispejjez gudizzjarji ta' din l-istanza jitbatew ukoll mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------